**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Marzu 2025**

**<u>Rikors ġuramentat nru: 5 / 2023 AGV</u>**

**AD**

**vs.**

**ND**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- RIKORS ĠURAMENTAT** ta AD

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma **ILLI**:

Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Il-partijiet iżżewġu nhar id-9 ta' Ottubru, 2010 u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u immarkat bħala DOK A.

2. Minn dan iż-żwieġ, il-partijiet kellhom lil JD li twieled nhar is-7 ta' Lulju, 2014 (ċertifikat anness u immarkat bħala DOK B).

3. L-intimat rrenda l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli u dan minħabba adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi u dan kif ser jiġi ippruvat fil-kors tal-kawża, kif ukoll minħabba inkompatibilita ta' karattru.

4. Minkejja l-isforzi tal-esponenti, il-kontendenti naqsu milli jilħqu ftehim dwar il-firda personali ta' bejniethom, u dan sforz l-inkuranza u l-pika tal-intimat. L-intimat, minkejja li kien infurmat dwar is-seduti tal-medjazzjoni, huwa naqas milli jattendi għall-istess seduti u dan mingħajr ebda raġuni valida.

5. L-esponenti ġie debitament awtorizzat jipproċedi bil-kawża odjerna permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 21 ta' Novembru, 2022 (bin-numru 438/22) hawn anness u immarkat bħala B.

6. Ir-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Raġuni tat-Talbiet

1. Għar-raġunijiet premessi, u peress illi l-medjazzjoni bejn il-kontendenti ma kellix ir-riżultati mixtieqa, l-esponenti ma kellu l-ebda għażla għajr illi jipproċedi kontra l-intimata f'din l-istanza.

<u>Talbiet</u>

**Tgħid għalhekk l-intimata, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, għar-raġunijiet indikati fir-rikors odjern, jew liema minnhom, u li a bażi tagħhom qiegħda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-esponenti omm b'dana illi l-minuri jirrisjedi magħha, li tkun tista' tieħu d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u ċioe dawk li jirrelataw mal-edukazzjoni, saħħa, attivitajiet extrakurrikulari u deċiżjonijiet dwar il-ħruġ tal-passaport esklussivament u mingħajr l-ħtieġa tal-firma tal-intimat.

3. Tillikwida u tiffissa manteniment għall-minuri u dan sakemm l-istess jagħlaq l-eta ta' tmintax-il sena jekk jiddeċiedi li jieqaf mill-istudju tiegħu u jibda jaħdem fuq bażi full time jew sa tlieta u għoxrin sena jekk jiddeċiedi li jkompli bl-istudju tiegħu fuq bażi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex iħallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagamenti inkluż

provediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għal għoli tal-ħajja u dan flimkien ma nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extrakurrikulari għall-istess minuri.

4. Tiffissa manteniment għall-esponenti skont il-bżonnijiet tagħha, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament inkluż provediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għal għoli tal-ħajja filwaqt li tiddikjara li bl-aġir tal-konvenut, huwa iddekada minn kull dritt li jitlob manteniment mingħand l-esponenti.

5. Tordna illi kwalunkwe manteniment li ser jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti għandu jiġi mnaqqas direttament mis-salarju u/jew qliegħ tal-intimat,  mill-impjieg jew xogħol li huwa għandu jew jista' jkollu jew minn kwalsiasi benefiċċju soċjali li huwa jista' jkun qiegħed jirċievi minn żmien għal żmien.

6. Tiddikjara u tiddeċiedi illi kwalunkwe assistenza statali mħallsa versu l-ħtiġijiet tal-minuri jkunu ipperċepiti mir-rikorrenti ad esklużjoni tal-intimat.

7. Okkorendo, tiffissa modalità ta' aċċess favur l-intimat, għall-minuri, u dan dejjem tenut kont taċ-ċirkostanzi, filwaqt illi tiddikjara u tiddeċiedi 'lli tali aċċess għandu, f'kull każ, jiġi eżerċitat b'dik il-modalità u ġewwa lok u f'ċirkostanzi idoneji għall-beneserre morali u fiżiku tal-istess minuri.

8. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jiġu stabbiliti porzjonijiet in diviżjoni u

assenjati lill-partijiet, li ma jkunux neċessarjament l-istess, u billi ukoll tiġi stabbilita data minn meta l-konvenut jitqies li iddekada minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tar-rikorrenti u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-atti opportuni u ta' kuraturi biex jirrappreżenta lil konvenut fl-eventwali kontumaċja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti għall-istess xoljiment.

9. Tassenja lir-rikorrenti d-dar matrimonjali fl-indirizz Pinto Court, Flat 3, Triq Mons. Gerald Frendo, Qormi u f'każ li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax din it-talba, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tgħix esklussivament fil-fond matrimonjali *vita durante*, ad esklussjoni tal-konvenut.

10. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-fond Pinto Court, Flat 3, Triq Mons. Gerald Frendo, Qormi m'għandux aktar jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

11. Tiddividi l-ġid ieħor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

12. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u l-krediti parafernali u dotali tagħha li ser jirriżulta waqt l-mori tal-kawża kif ukoll l-ispejjeż li saru da parti tal-istess rikorrenti qabel iż-żwieġ, u dan fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dan, tikkundannah iħallas lill-esponenti dik is-somma li għandha tiġi hekk likwidata, *okkorendo* bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur tal-beni parafernali.

13. Tapplika *in toto* jew in *parte* l-efetti tal-artikoli tmienja u erbgħin (48) sat-tlieta u ħamsin (53) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sa fejn applikabbli inkluż l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-medjazzjoni kontra l-intimat illi huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Rat li l-konvenut gie dikjarat kontumaci;**

**IKKUNSIDRAT:**

Permezz ta' dawn il-proċeduri, l-attriċi qiegħda titlob sabiex din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti għar-raġunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi kif ukoll minħabba inkompatibilita ta' karattru.

Fl-affidavit tal-attriċi[1], hija tispjega kif il-partijiet iżżewġu nhar id-9 ta' Settembru, 2010 u minn daż-żwieġ kellhom wild, JD li twieled nhar is-7 ta' Lulju, 2014. Hija tispjega kif il-karattru tal-intimat inbidel mit-twelid tat-tifel tagħhom. Wara t-twelid tat-tifel, il-konvenut ma kienx iħalli lill-esponenti torqod fl-istess kamra tas-sodda u beda jagħmel minn kollox biex l-esponenti ma tidhirx miegħu bħal per eżempju, *"Anke biex sempliċiment nirkeb fil-karozza, huwa kien jinsisti li nirkeb wara fil-karozza ħalli ma nidhirx miegħu.*[2]" Hija tkompli tispjega illi fl-Għid tas-sena 2018, wara li spiċċa dahru mal-ħajt, huwa ammetta magħha illi kien f'relazzjoni ma' ċertu G . Il-konvenut kellu jgħidilha għaliex familjari ta' G bdew jheddu lill-konvenut illi ser ikunu huma stess li jgħidu lill-esponenti.

Tgħid illi din l-istqarrija kienet bħal sajjetta fil-bnazzi. Mhux għaliex hija ma kinitx indunat bl-atteġġjament differenti iżda minħabba l-fatt li l-esponenti dejjem pruvat tgħaqqad il-familja għaliex il-partijiet kellhom wild flimkien. L-attriċi, sabiex isalva ż-żwieġ tagħha kienet ħafritlu, iżda dan ma serva għalxejn, għaliex ftit taż-żmien wara, huwa reġa' telaq mid-dar, u mar jgħix mal-għarusa l-ġdida tiegħu. Fil-preżent, il-konvenut mingħajr mistħija ta' xejn anke juri fuq is-social media li qiegħed ma' terzi u dan kif inhu evidenti mir-ritratti eżebiti mal-affidavit tal-attriċi. L-attriċi ukoll tispjega kif hija dejjem rabbiet lit-tifel filwaqt li l-konvenut ma kienx jgħin fit-trobbija. L-attriċi irrasenjat ruħha u mexxiet għas-separazzjoni personali wara li "*Bdejt nirrealizza li l-imħabba li kont nisma li xi ħadd jgħid fuq ir-raġel tiegħu, ma kinitx l-istess għalija. Indunajt li jien ma kelliex futur mar-raġel tiegħi. Qatt ma sibtu għal xejn. Darba kont għamilt operazzjoni*

[1] A fol 278 tal-proċess
[2] Ibid.

*f'idejja. Niftakar li dakinhar tal-operazzjoni, qabel mort, sajjartlu. Meta wasalt lura, il-borma kienet għada fis-sink. Qatt ma kelli għajnuna mingħandu.*"

Dawn ir-relazzjonijiet adulteri tal-konvenut, apparti li ġew ikkonfermat fl-affidavit tal-familjari tal-attriċi u ċioe ta' MD S [3] u AS [4], ġew ukoll pruvati mir-rapporti li huma eżebiti fil-proċess fejn jirriżulta illi l-istess G kienet għamlet diversi rapporti fil-konfront tal-konvenut.

Effettivament, skont il-fedina penali tal-istess konvenut, li ġew eżebiti minn Dr. Alexia Aquilina nhar it-23 ta' Frar, 2024 quddiem l-assistent ġudizzjarju, immarkati bħala 'AA1'[5], il-fedina penali tiegħu turi illi nstab ħati li, *inter alia*, "fid-19 ta' April, 2018 – ġab ruħu b;mod li ta' fastidju lis-sieħba tiegħu GC (ID Nru. 22769(M) u l-familja tagħha ...[6]", liema akkuża nstab ħati u ntgħata pieni taħt l-artikolu 7 tal-Kap 446 għal sena u artikolu 412 tal-Kap 9 għal sena.

**IKKUNSIDRAT:**

1. Kif tajjeb qalet id-difensur tal-attrici fis-sottomissjonijiet taghha, fir-rigward ta' eċċessi intqal illi: "tutti queli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Mill-banda l-oħra, Baudry Lacantinerie jgħallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che

[3] A fol 291 tal-proċess
[4] A fol 293 tal-proċess
[5] A fol 369 tal-proċess
[6] Akkuza indikata fil-fedina penali a fol 370 tal-proċess

possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."[7] Fir-rigward ta' sevizzi imbagħad, dawn gew definiti bħala:

> "dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti." Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "*Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione*".[8]

2. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi:

> "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja insopportabbli huma ritenuti mid-dottrina bhal sevizzi. Jinsab ritenut illi: Mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghal sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li maghmula ripetutament u abitwalment, iweggghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insapportabbli."

3. Kif diga sar aċċenn għalih fl-affidavit tal-attriċi, hija qatt ma sabet sapport mill-konvenut jew apprezzament tas-sagrifiċċji li kienet tagħmel kemm fl-affarijiet tad-dar kif ukoll għat-trobbija ta' binhom.

[7] Fadda giurisprudenza, Art. 150, Para. 214
[8] Trattato teorica pratico di diritto civile delle persone Vol. IV

Il-Qorti fil-kawża, AB  vs CDB deċiża nhar it-2 ta' Diċmebru, 2021 (Rikors Nru. 421/2010AL), intqal,

> "Il-Qorti tissottolineja li fi kwalunkwe rapport jew zwieġ, il-partijiet għandhom ikunu ta' sapport għal xulxin, fizikament u emozzjonalment. Barra minn hekk, f'rapport għandu jkun hemm l-apprezzament kontinwu ta' kwalsiasi ħaġa, *sia* jekk hi kbira u kif ukoll zgħira. B'hekk biss tista' tkun suprema l-imħabba, meta f'rapport jirrenja r-rispett, l-onesta', is-sapport u l-apprezzament. Naturalment il-mumenti intimi huma ukoll essenzjali f'rapport bejn koppja. Fil-kaz in ezami, il-Qorti tara li bl-aġir tiegħu l-attur ikkawza moħqrija fuq il-persuna tal-konvenuta, tant li jammontaw għal inġurji gravi."

4. Imbagħad, f'dak li jirrelata mal-adulterju, il-kawża fl-ismijiet, Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna fejn ġie dikjarat li:

> "L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacificu fiddottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe).

Dan kollu apparti skorta ta' sentenzi ohra li jkomplu fuq dan l-insenjament tal-qrati taghna.

5. Fid-dawl tal-provi mressqa, Il-Qorti hija konvinta li l-attrici ressqet provi sufficjenti biex juru li l-konvenut ghandu jinstab responsabbli

għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan minħabba adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi kif ukoll minħabba inkompatibilita' ta' karattru, u għalhekk għandu japplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili.

**Manteniment ghall-attrici**

L-attrici qed titlob ukoll li l-konvenut jhallas manteniment ghaliha. Filwaqt illi l-Qorti tifhem u tapprezza li l-attrici timmerita xi forma ta' ghinuna mill-konvenut – li mill-provi prodotti tidher li kienet nieqsa fil-hajja taz-zwieg tal-partijiet – madankollu l-Qorti rat li ma gewx prodotti provi sufficjenti biex din it-talba tintlaqa'. Ghalhekk din it-talba qed tigi respinta.

**Kura u Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri**

*6.* Fir-rikors ġuramentat, l-attrici qegħdha titlob sabiex tiġi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri u dan għaliex kienet dejjem hi li ħadet ħsieb għat-trobbija tat-tifel tagħhom. L-attrici tghid illi għamlet ħafna sagrifiċċji, u anke kellha tnaqqas il-ħinijiet tax-xogħol tagħha biex tkun tista' tieħu ħsieb lit-tifel. Fl-affidavit tagħha tispjega: *"Wara li twieled it-tifel, ma bqajniex norqdu ħdejn xulxin u kien jgħidli biex immur fil-kamra l-oħra mat-tifel filwaqt li huwa jorqod fil-kamra tagħna. Jien ma kienx ikolli għajnuna fit-tifel għaliex kollox waħdi kont nagħmel. Anke meta t-tifel kien għadu żgħir ħafna, dejjem jien qomt matul il-lejl. Id-dispjaċir tiegħi kien illi huwa kien issib ħin għal kollox ħlief ħin għal familja tagħna."*

7. Fix-xhieda ta' nhar l-14 ta' Ottubru, 2024 ta' Dr. Lorraine Azzopardi, spjegat li hija l-psikjatra tal-minuri, li ilu jiġi segwit mid-19 ta' Diċembru, 2020. Tgħid li huwa għandu *Obsessive Compulsive Disorder* li tkun ikkawżata minn ansjetá. Hija tikkonferma li l-attrici kienet dejjem preżenti f'dawn is-*sessions*, u li tali *sessions* huma attendenza regolari. Biss, il-konvenut missier ftit li xejn attenda u jipprova jiddelega din ir-responsabiltà tiegħu lill-ommu, u tispiċċa tattendi għal dawn is-*sessions* flimkien mal-omm. Inoltre, fl-affidavit ta' MD S , tispjega. *"Hija dejjem A li ħadet interess fit-trobbija tat-tifel. Hija dejjem attendiet għall-appuntament tal-isptar u tal-iskola tat-tifel għaliex N qatt ma ħa interess."*

8. Kif korrettement tissottometti l-attrici fin-nota taghha, il-ġurisprudenza fi kwistjonijiet simili tgħallimna illi: ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***[9]

9. Fir-rigward tal-aċċess, l-attrici tghid illi hi qatt ma kellha interess li ċaħħad lill-minuri minn missieru. Addiritura, kif tispjega fl-affidavit tagħha, *"Meta mexxejt għas-separazzjoni, jien kont inħeġġeġ lil N sabiex jara lit-tifel. Huwa, kien jagħmel dan meta jfettilu. Huwa kien jieħdu u jħallih mal-għarusa tiegħu S li ukoll għandha tifla tampar it-*

[9] ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003

*tifel tagħna.”* Għalhekk, il-Qorti tasal biex taqbel mal-attrici fejn tghid li, filwaqt li l-istess attrici temmen li l-minuri għandu jkollu relazzjoni ma' missieru, tali relazzjoni għandha issir b'mod gradwali u bl-għajnuna tal-professjonisti u dan sabiex ma titkissirx l-istabilita tal-minuri, b'mod partikolari sabiex ma tiżdiedx l-ansjetá tiegħu. Inoltre, il-fatt li l-missier m'huwiex preżenti fil-ħajja tat-tifel u li l-aċċess qiegħed issir b'mod sporadiku, iwassal sabiex l-istabilita li l-attrici tipprova tikseb, jispiċċa fix-xejn. Ghalhekk il-Qorti ghandha timxi b'kawtela kbira f'sitwazzjoni bhal din.

Il-Qorti hi tal-fehma, ghalhekk, li t-tifel minuri, li daqt jaghlaq 11-il sena, ghandu jkun liberu li jaghzel jekk u meta ghandu jmur ghall-access ma' missieru. Il-Qorti m'ghandhiex il-verzjoni tal-konvenut fuq din il-materja, u ghalhekk ma tistax tasal ghal xi konkluzjoni mod jew iehor. Jidher li bhala missier, il-konvenut kien assenti fil-hajja ta' ibnu, u jidher aktar herqan jqatta' hin mas-siehba tieghu milli ma' ibnu. Ghalhekk il-Qorti sejra thalli l-ghazla tal-attendenza o meno u tal-frekwenza tal-access f'idejn l-istess tifel.

10. Fir-rigward tal-manteniment, fl-affidavit tal-attriċi hija tispjega li l-konvenut jgħaddi €280 fix-xahar bħala manteniment għat-tifel. Biss hija tkompli tisħaq illi tali manteniment m'huwiex qiegħed ikopri l-ispejjeż tat-tifel. Hija tispjega illi l-ispejjeż tal-minuri s-segwenti b'dan li l-ispiża ta' kull xahar tal-minuri qiegħda tkun fl-ammont ta' €715 fix-xahar. L-unika mezz li l-esponenti jirnexxilha tkampa huwa billi titlob l-għajnuna mill-familjari tagħha u dan għaliex l-introjtu tagħha huwa limitat.

Mill-provi prodotti, irrizulta li l-konvenut għandu diversi xogħolijiet fosthom huwa *self-employed* ma' Malta Dockers Union kif ukoll *self-employed* bennej. Mix-xhieda ta' rappreżentant ta' ICI Ltd[10], jikkonferma illi l-konvenut għamel xi żmien bħala wieħed mis-*subcontractor* tagħhom. Għalhekk il-konvenut huwa finanzjarjament b'saħħtu sabiex jikkontribwixxi iktar bħala manteniment għat-tifel tiegħu. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-manteniment jiflah joghla ghal €350 fix-xahar, oltre l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni.

**<u>Dwar il-komunjoni tal-akkwisti</u>**

11. Mill-provi jirriżulta li l-komunjoni tal-akkwisti hija komprisa mis-segwenti:

a. Id-**Dar Matrimonjali[11]** bl-indirizz Flat 3A, Pinto Court, Triq Mons. Gelard Frendo, Qormi. Il-kuntratt tal-akkwist datat 6 ta' Diċembru, 2004

Irrisulta li l-konvenut ma kellux diffikultà li jitlaq mid-dar matrimonjali u jmur jgħix mas-sieħba tiegħu. Għalhekk, anke fid-dawl tal-fatt illi skont il-provi mressqa l-konvenut għandu jinstab responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ, il-Qorti taqbel illi din id-dar matrimonjali tiġi assenjata lill-attrici u tkun awtorizzata tgħix fiha flimkien mal-minuri ad eskluzjoni tal-konvenut, u ghalhekk b'dan il-mod ma tkissirx l-stabbilita tal-minuri Jaden.

[10] Ta nhar' l-24 ta' April, 2024
[11] Kuntratt tal-akkwist datat 6 ta' Diċembru, 2004 eżebit a fol 506 tal-proċess.

b. Il-**garaxx**[12] fl-indirizz 2, 'Basement Level' Triq l-Għargħar 1979, Qormi – Kuntratt tal-Akkwist datat 26 ta' Mejju, 2005

L-attrici tghid li m'għandiex diffikultà illi dan il-garaxx jiġi assenjat lill-konvenut. Ghalhekk, il-Qorti taqbel li l-istess garaxx jigi hekk assenjat lill-konvenut.

c. **Il-Vetturi**

Skont ix-xhieda tar-rappreżentant tat-Transport Malta, il-partijiet għandhom is-segwenti bħala vetturi[13] –

i. TOP 307 Peugeot
ii. DCE 445 Kymco Agility 125 €1,600
iii. IBJ 736 Kawasaki ZXT 20A
iv. DCH 908 Mercedes Benz €15,000[14]
v. BBS526 Peugeot 306 €1,800
vi. WIG127 Mercedes Benz

L-attrici tghid illi ma ssuqx u għalhekk m' għandhiex interess li jiġu assenjati lilha l-vetturi msemmija. Bl-istess mod, kwalunkwe multi, penali, u kontravenzjonijiet relatati mal-istess vetturi għandhom ikunu a karigu tal-konvenut. Ghalhekk, dawn il-vetturi kollha qed jigu assenjati lill-konvenut. Stante li l-Qorti m'ghandhiex il-valur taghhom, sejra tordna li jsir ekwiparazzjoni taghhom bil-flus fil-kontijiet bankarji.

---

[12] Kuntratt eżebit a fol 285 tal-proċess li ġie anness mal-affidavit tal-attriċi.
[13] Xhieda ta' Christopher Scerri fejn eżebixxa dokument CS1 a fol 40 tal-proċess
[14] Skont estratt ta' cheque a fol. 443 tal-proċess inxtrat din il-vettura għal valur ta' €15,000, u dan huwa konfermat meta jitqabblu d-dettalji tal-istess vetturi a fol 51 tal-proċess.

**d. Kontijiet Bankarji**

(i) Skond ix-xhieda tar-rappreżentant tal-Bank BOV plc ta' nhar is-6 ta' Diċembru, 2023 quddiem l-assistent ġudizzjarju, ġew eżebiti s-segwenti kontijiet bankarji:

| | |
|---|---|
| **<u>Kont Intestat f'isem l-attriċi</u>** | Bilanċ |
| Kont immarkat bħala 'JB1'[15] | €6.89 |
| **<u>Kont Intestat f'isem il-Konvenut</u>** | |
| Kont Immarkat bħala 'JB2'[16] | €14,083.17 |
| **Kontijiet 'Joint'** | |
| Kont Immarkat bħala 'JB3' Home Loan[17] | -€31,719.55 |
| Kont Immarkat bħala 'JB4' Home Loan[18] | -€4,625.39 |
| Kont immarkat bħala 'JB5' Home Loan[19] | -€2,139.33 |
| Kont immarkat bħala 'JB6' Savings[20] | €96.76 |
| Kont immarkat bħala 'JB7' Current[21] | €258.16 |

Sussegwentement, nhar il-15 ta' Jannar, 2023, ġie eżebit il-kont:

| | |
|---|---|
| Kont immarkat bħala 'JB8' Young Saver | €581.81 |

[15] A fol 65 tal-proċess
[16] A fol 148 tal-proċess
[17] A fol 189 tal-proċess
[18] A fol 194 tal-proċess
[19] A fol 199 tal-proċess
[20] A fol 204 tal-proċess
[21] A fol 225 tal-proċess

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji, l-esponenti qegħdha titlob illi l-bilanċ tal-kont bankarju tal-konvenut (immarkat bħala JB2) li jammonta għal €14,083,017, u l-bilanċ tal-kontijiet bankarji immarkati bħala JB6 u JB7 fl-ammont ta' €96.76 u €258.16 rispettivament għandhom jiġu diviżi b'mod ugwali bejniethom, filwaqt li hija tiġi assenjata l-kont bankarju tagħhom (immarkat bħala JB1). Il-Qorti taqbel ma' dan is-suggeriment.

Fir-rigward tal-kont bankarju Young Saver immarkat bħala JB 8, liema kont infetaħ għal minuri, tali kont għandu jiġi assenjat lill-attrici sabiex hija stess tkun tista' tamministra flejjes il-minuri.

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji JB3, JB4 u JB5, l-attrici titlob li dawn għandhom jiġu assenjati lill-konvenut u dan għaliex huwa responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ. Dan anke 'il għaliex, l-esponenti kienet titkarrab lill-konvenut sabiex jingħaqdu bħala familja u dejjem ħafritlu għar-relazzjonijiet adulteri tiegħu. Il-Qorti, izda, hija tal-fehma li dawn it-tlitt kontijiet ta' self ghandhom jigu assenjati lill-attrici flimkien mad-dar matrimonjali, li ser jigu koperti bil-kontijiet bankarji u bl-investimenti illi ghandhom il-partijiet bejniethom.

(ii) Skont ix-xhieda tar-rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta plc ta' nhar is-6 ta' Diċembru, 2023 quddiem l-assistent ġudizzjarju[22], hemm il-kont

[22] A fol 275 tal-proċess

**Konvenut**

Kont immarkat bħala LA1[23] €1,341.48

Fir-rigward ta' dan il-kont, il-Qorti taqbel li dan għandu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti.

**e. Ishma**

Skont ix-xhieda tar-rappreżentant ta' Malta Stock Exchange il-partijiet għandhom diversi ishma (Goverment Stocks 4.3% u Goverment Stocks 5.1%) li l-valur tagħhom jammontaw għal €27,028[24]. L-attrici titlob li dawn għandhom jitqassmu bejn il-partijiet billi kull parti jiġi assenjat lilha nofs tal-istess. Il-Qorti, izda, qed tassenja l-ammont shih lill-attrici, sabiex jkollha mezzi biex taghmel tajjeb ghas-self mill-bank fuq id-dar matrimonjali.

**f. Dejn tat-Taxxa**

Skont ix-xhieda tar-rappreżentant tat-Taxxa informa illi hemm kont pendenti mal-istess Dipartiment fl-ammont ta' €13,527[25]. Fl-istess xhieda ta' nhar is-16 ta' Settembru, 2024, ir-rappreżentant spjegat illi tali kont jirriżulta għal fatt illi l-konvenut naqqas milli jiddikjara l-qliegħ tiegħu u jippreżenta r-*returns*. Għalhekk minħabba n-nuqqasijiet tal-konvenut, il-Qorti taqbel mal-attrici li m'għandiex tkun responsabbli ghal

[23] A fol 231 tal-proċess
[24] DOK LF3 a fol 446 tal-proċess
[25] DOK JD7 A dol 479 tal-proċess

dan id-dejn, wara li dejjem iddikjarat u ħalset it-taxxa skont il-liġi. Dan id-dejn, ghalhekk, qed jigi assenjat lill-konvenut.

**g. Kreditu Parafernali**

Fl-affidavit tal-attrici u anke dak ta' MDS jispjegaw li qabel mal-partijiet iżżewġu, in-nannu patern tal-esponenti għadda lill-esponenti Lm1,300 (u ċioe €3,028) u dan *"billi xtara l-madum tal-art tad-dar tagħhom"* . Fid-dawl tal-fatt li għandu jkun il-konvenut responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ, bl-aktar mod gravi, l-attrici qiegħdha tippretendi nofs din is-somma u ċioe €1,514. Il-Qorti taqbel ma' dan is-suggeriment, u ghalhekk qed tassenja lill-attrici nofs l-ammont kif indikat.

Tenut kont, ghalhekk, tal-provi mressqa mill-attrici, liema provi jikkorroboraw il-verzjoni ta' fatti kif esposti minnha, u li ma gewx kontradetti mill-konvenut, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

Tilqa' t-talbiet attrici.

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, għar-raġunijiet indikati fir-rikors, u li a bażi tagħhom qiegħda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-esponenti omm b'dana illi l-minuri jirrisjedi magħha, li tkun tista' tieħu d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u ċioe dawk li jirrelataw mal-edukazzjoni, saħħa, attivitajiet extrakurrikulari u deċiżjonijiet dwar il-ħruġ tal-passaport esklussivament u mingħajr l-ħtieġa tal-firma tal-intimat.

3. Tillikwida u tiffissa manteniment għall-minuri fis-somma ta' €350 fix-xahar, u dan sakemm l-istess jagħlaq l-eta ta' tmintax-il sena jekk jiddeċiedi li jieqaf mill-istudju tiegħu u jibda jaħdem fuq bażi full time jew sa tlieta u għoxrin sena jekk jiddeċiedi li jkompli bl-istudju tiegħu fuq bażi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex iħallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagamenti inkluż provediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għal għoli tal-ħajja, u dan oltre nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari għall-istess minuri.

4. Tichad ir-raba' talba, filwaqt li tiddikjara li bl-aġir tal-konvenut, huwa iddekada minn kull dritt li jitlob manteniment mingħand l-esponenti.

5. Tordna illi l-manteniment hekk likwidat għandu jiġi mnaqqas direttament mis-salarju u/jew qliegħ tal-intimat,  mill-impjieg jew xogħol li huwa għandu jew jista' jkollu jew minn kwalsiasi benefiċċju soċjali li huwa jista' jkun qiegħed jirċievi minn żmien għal żmien.

6. Tiddikjara u tiddeċiedi illi kwalunkwe assistenza statali mħallsa versu l-ħtiġijiet tal-minuri jkunu ipperċepiti mir-rikorrenti ad esklużjoni tal-intimat.

7. Takkorda access lill-konvenut versu l-minuri hekk kif deciz fl-intestatura "Access".

8. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess bil-mod kif indikat fis-sentenza, u ghalhekk tinnomina lin-Nutar Elena Farrugia sabiex tippubblika l-atti opportuni, u tinnomina kuraturi biex jirrappreżenta lil konvenut fl-eventwali kontumaċja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti għall-istess xoljiment.

9. Tassenja lill-attrici d-dar matrimonjali fl-indirizz Pinto Court, Flat 3, Triq Mons. Gerald Frendo, Qormi, u ghalhekk tawtorizza lill-istess attrici sabiex tgħix esklussivament fil-fond matrimonjali flimkien mal-minuri ad esklussjoni tal-konvenut.

10. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-fond Pinto Court, Flat 3, Triq Mons. Gerald Frendo, Qormi m'għandux aktar jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

11. Tiddividi l-ġid ieħor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

12. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tnax-il talba, stante li ma gewx prodotti provi f'dan ir-rigward.

13. Tapplika *in toto* l-efetti tal-artikoli tmienja u erbgħin (48) sat-tlieta u ħamsin (53) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sa fejn applikabbli inkluż l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci – DEP REG**